# Hamsin sena mill-Mewt tal-Poeta Tal-Madonna

## Il-Patrijottizmu fil-Letteratura ta' Patri Anastasju Cuschieri

Kitba ta' Victor Scerri



Il-professur u saċerdot Karmelitan, Patri Anastasju Cuschieri, huwa mingħajr l-ebda dubju meqjus u magħruf bħala l-poeta tal-Madonna, titlu popolari li jagħmel sens meta tikkonsidra (a) l-vokazzjoni saċerdotali tiegħu, (b) l-influss reliġjuz ta' żmienu, (C) it-tradizzjoni tal-qima ta' l-ordni Karmelitan lejn il-Madonna, (d) l-esperjenza kollettiva religjuza tal-komunita' Maltija u (e) it-timbru Marjan fil-versi poetiċi evidenti tiegħu.

Imma Anastaju Cuschieri kien ukoll "imdaħħal" fil-politika. Huwa kien membru fis-Senat u kien jirrappreżenta l-Gradwati. Naturalment dan jitfa' fuqu konsiderazzjoni patrijottika. U din il-kitba rridha tiffoka fuq dan l-element. L-element patrijottiku fil-letteratura tiegħu. Imma xi tfisser tkun patrijott? Il-patrijottizmu jfisser dak kollu li għandu x'jaqsam ma dik l-art (il-patrija) li fiha tkun twelidt. Jew li tagħha inti ċittadin.

Anastasju kien "Nazzjonalista" mhux biss għaliex fil-prinċipju politiku pariggjan huwa kien essenzjalment mal-Partit Nazzjonalista, imma ghax ħabb tassew lil Malta, ovvjament mill-persepettiva tiegħu, hekk illi l-aspirazzjonijiet tiegħu, kienu marbutin mal-kwistjoni lingwistika fejn, bħala Professur tal-Filosofija, fi żmienu mgħallma bit-Taljan, huwa ma setax' ma' jikkomparax il-kultura Maltija ma' l-andament lingwistiku, kulturali, artistiku, soċjali u xjentifiku Taljan.

Irridu nirrispettaw il-fatt, illi dan il-persunaġġ kittieb, twieled fis-seklu dsatax u allura huwa prodott ta' mentalita' li kienet għadha kemm tibda' t-triq ta' l-indipendenza minn stat kolonjali Ingliz, għal mixja politiku-reliġjuża-soċjali maqtugħa mill-governanza Brittanika. Patri Anastasju Cuschieri kien kontributur impressjonanti fil-gurnal Il-Ħabib u l-pinna b'saħħita tiegħu kienet twassal il-messaġġ mingħajr tidwir u tqanzih ta' xejn.

Għalkemm pro-Taljan u membru fil-Partit Nazzjonalista, Anastasju Cuschieri ma kienx fanatiku jew estremista. Huwa kien jaċċetta li l-Ilsien Malti jinkiteb tajjeb. Ma' dan kien jilqa' wkoll, influssi barranin. Huwa kien jemmem illi għandna nissellfu, għax naturali dan, minn Ilsna girien tagħna. Imbagħad grat xi ħaġa ta' ħsara. Minn wara l-1921, Patri Anastasju waqaf kompletament milli jxandar kitbietu. Jista' jkun li baqa' jikteb, imma privatament.

Aktarx illi l-Professur Cuschieri beza', li jekk ikompli jagħti mportanza esklussiva lill-Ilsien Malti, kien ser ikun detrimentali għall-Ilsien Taljan illi huwa ħabbu, għallem bih u saħansitra kiteb versi poetiċi ilustri, bih. Kontemporanju ta' Dun Karm Psaila, il-Professur Cuschieri seta' wkoll jgħaddi ntelletwalment lil Dun Karm fil-poezija, billi kellu aktarx ideat iktar miftuħin u konsegwentement forsi inqas drammatizzati.

Cuschieri kien jemmen fl-ilsien Malti. U hawn jidħol l-element politiku u patrijottiku. Bħal Dun Karm, huwa kien iħoss, illi bħala gens li għandna ilsien li huwa tagħna u tagħna biss, m'għandniex ingennbuh, inwarrbuh u nittraskurawh. Fehem illi b'dan l-ilsien hemm tmexxija politika, hemm direzzjoni soċjali u ħafn'aktar. Bħala għalliem u saċerdot, dan it-twemmin kien gamra theggeg. Fuq kollox, kien poeta genwin.

Forsi kien hemm ċerti differenzi bejn il-Professur Patri Anastasju Cuschieri u Monsinjur Dun Karm Psaila, dovuti għal fatt li dan ta' l-aħħar, evidentement ma kienx jistma jew addirittura juri li japprezza l-poezija tal-Professur, forsi għaliex il-Poeta li wara tqis bħala l-Poeta Nazzjonali ried jibqa' hu minn fuq fl-istima letterarja u allura ma kienx inizzilha li jkun hemm poeta ieħor ta' kalibru għoli u livell intelletwali bħalu.

Għalkemm il-Professur Patri Anastasju Cuschieri, kien varjat forsi iktar minn Dun Karm, fil-ħidmiet akkademiċi u l-ħsibijiet tiegħu, ma nistgħux ninsew it-trijumvirat reliġjuz/poetiku ta' din l-era grandjuża li kienu Dun Karm/ Ġuże' Muscat Azzopardi u appuntu l-professur innifsu. Il-Letteratura tiegħu, hija wkoll passiggata kwazi eterna fl-akkwati religjużi, imma mqar f'din il-passiggata l-propoganda lingwistika-patrijottika hija evidenti.

Meta qed jiddefendi l-ilsien Malti fil-poezija tiegħu, huwa kien qiegħed jagħmel stqarrija qawwija fi żmienu, għax ma rridux ninsew illi fil-bidu tas-seklu għoxrin, kien hemm min ma kienx jista' jnizzilha illi l-ilsien Malti huwa appuntu ilsien bl-awtonomija kollha tiegħu u kien hemm min, minħabba affiljazzjonijiet politiċi agitati u nteressi oħra, kien iqis l-ilsien Malti bħala essenżjalment djalett.

Patri Anastasju kien poeta dhuli ħafna. Ma kienx jiffirma l-poezija tiegħu. Ma kienx jimpurtah illi juri ismu. Kien iżomm mistura l-identita' tiegħu. Imm'aktar ma kien jipprova jinħeba aktar kien maħbub. Zgħażagħ illi kienu jkunu għadhom kemm bdew it-triq letterarja tagħhom, kienu jftittxuh u jkellmuh b'imħabba. Huwa kien iqawwilhom qalbhom, ikompli magħhom saħansitra meta qabditu l-marda li kellha twassal għal mewtu.

L-element patrijottika fil-letteratura tiegħu, jintiseg mal-għemejjel tiegħu, imqar dawk saċerdotali, fejn apparti l-akkademiku ta' ġewwa fih, ħafna nies u parruċċani Karmelitani, kienu jafuh biss bħala patri Karmelitan illi jinqala' ħafna biex jippriedka, naturalment bħala kittieb għaqli u għaref, kellu dik il-parola facile li timpressjona, tgħallem, timpatta u tressaq dejjem iktar il-merħla lejn ir-Ragħaj, skop reliġjuz li aktarx laħqu b'suċċess.

Anastasju Cuschieri li twieled il-Belt Valletta fil-parroċċa ta' San Duminku fis-27 ta' Jannar 1876, kien prodott ta' żmienu, imma kien ukoll poeta validu ta' kull żmien, għaliex il-poezija hija bħal fwieħa ħelwa li thenni u tgħaxxaq, li toħrog meta toħrog u jgħaddi żmien kemm jgħaddi minn fuqha xorta fwieħa tibqa'. Daqstant ieħor il-valur u l-validita' tal-patrijottiżmu fil-letteratura mexxejja tiegħu tibqa' sħiħa minn kull aspett.

Meta jasal biex ifisser l-ilsien Malti, huwa joffri tifsira mill-aktar ħelwa. L-ispjega hija romantika. Imma hija reali. Ma jistax ikun li min twieled f'art, f'pajjiż, kbir jew zgħir, ma jħossx imqar l-iċken sentiment ta' mħabba lejn dik il-lokalita' nattiva tiegħu.

Ma rridux ninsew illi l-bidu letterarju tiegħu kien jimplika letteratura bl-ilsien Taljan, xejn skandaluz dwar dan meta tqis it-temp u ċ-ċirkustazi ta' l-epoka sottoskritta.

Il-poeziji patrijottiċi ta' Cuschieri sawwbu fuqu titlu ieħor. Minħabba l-poeziji reliġjużi li kiteb issawwab fuqu t-titlu ta' Poeta tal-Madonna, imma mbagħad minħabba l-patrijottizmu fil-poeziji tiegħu, ingħata gustament it-titlu ta' Il-Poeta tal-Kelma Maltija.. Poeziji li jindikawlu l-patrijottizmu tiegħu jisimhom:

Il-Kelma Maltija, Ilsien Pajjizi, Dun Pawl mhux lili, Lil Monsinjur Gauci., għall-mewt ta' Ġuże Muscat Azzopardi u oħrajn.

L-imħabba lejn Malta baqgħet tispikka fih, saħansitra fis-sena 1959 meta bdiet il-marda kerha li ħakmitu, dik ta' puplesija u li wasslitu biex fis-17 ta' Lulju 1962, ħalla din id-dinja, konfortat mis-Sagramenti Mqaddsa u mdawwar minn sħabu reliġjużi

Membri tal-Komunita' Karmelitana. Naturalment, Malta ma setgħetx ma tħossx it-telfa ta' dan binha, għaref u għalliem, saċerdot u poeta, kittieb u politiku, Malti minn fuq s'isfel. Malta għandha għax tkun kburija bil-kontribut letterarju ta' dan il-patri li qatt ma tlellex jew tgħammex mill-unuri.

Dak illi baqa' bniedem u Malti sal-aħħar. Kif jistgħu jintesew poeziji patrijottiċi oħra bħal Qtiegħ ta' Qalb, Illum kont naf li inti, u minn jaf kemm oħrajn illi ktieb u għadhom ma nstabux ? Kif jistgħu jintesew dawk il-kelmiet imgħaqqdin flimkien, illi stanza wara l-oħra, vers wara l-ieħor, ifformulaw poeziji mill-aqwa?

Dan il-ġieħ ta' l-Ordni Karmelitan, ma xtaqx illi jkun taħt dawl jgħammex. Kif jistgħu jintesew il-kummenti sbieħ li ntqalu dwaru wara mewtu? Kif jistgħu jintesew il-waqtiet twal u sbieh ta' tagħlimu-tagħlim li huwa ta mill-qalb? Kif jistgħu jintesew il-ħsus ta' mħabba nadifa li kellu lejn art twelidna ? Kif jistgħu jintesew is-sentimenti tiegħu lejn it-twemmin Nisrani?

Kif jista' jintesa' l-Patri Anastasju Cuschieri O.Carm?

Aktar tagħrif dwar Patri Cuschieri jista jinkiseb permezz tal-Ktieb "Għeruq Beltin" ta' l-istess awtur ta' dan l-artiklu

**Aktar informazzjoni fuq is-Soċjeta Filarmonika Stella Maris u dwar l-attivitajiet marbuta mall-Każin u l-Festa ta' Stella Maris jista jinkiseb mis-sit www.stellamarissliema.com**